MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Appell Kriminali Numru. 110/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Saviour Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-14 ta' Settembru, 2008, ghall-habta ta' 02.42 hrs, f'St. George's Road, San Giljan, waqt li kien qieghed jahdem ta' taxi driver bl-imsemmija "taxi-car" numru BTY-056, naqas li jixghel/jhaddem it-"taxi-meter" waqt li kien qed igorr il-passiggieri fl-imsemmija ventura waqt kirja.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Marzu, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 16A(5) u 16A(6)(a) tal-Kap. 65, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-piena ta' Euro 117 multa.

Bl-applikazzjoni tal-art. 16A(6)(a) tal-Kap. 65, ordnat il-konfiska tat-taxi car reg. numru BTY056 ghal zmien xahar u inoltre skwalifikat lill-appellant milli jkollu licenzja tas-sewqan ta’ taxi-car ghal zmien xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 t’April , 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w dan billi tillibera lill-appellant minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti :-
Illi fl-ewwel lok il-fatti kif rakkontati mix-xhieda tal-prosekuzzjoni nfushom ma jikkostitwux ir-reat dedott . Fl-ebda mument dawn ix-xhieda ma gabu l-icken prova li l-meter tat-taxi-car kien f' xi mument mitfi waqt li din kienet fit-tragitt. Ghall-kuntrarju gie stabilit illi dan il-meter kien mixghul u dan setghu jikkonstatawh l-istess spetturi nnifishom. Gie stabilit ukoll li t-taxi-car bil-kemm kienet lahqet irrankat biex tibda l-vjagg taghha li l-Ispetturi ma waqqfux lill-appellant. Il-brevita' tat-tragitt in kwistjoni jaghmilha kwazi impossibbli li wiehed jitwemmen meta jghid illi t-taxi meter kien mitfi, kif qed jigi allegat u dan ghax it-taxi meter lanqas lahaq kellu c-cans jirregistra xi cifra.

Semghet ix-xhieda ta’ E.O. 215 Benjamin Fenech u tal-appellant fl-udjenza tal-lum.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Illi mix-xhieda ta’ Enforcement Officer 215, addett mal-Awtorita’ dwar it-Trasport, ma tirrizultax b’certezza morali l-imputazzjoni ghax, kif qal ix-xhud, il-kaz l-aktar li nvestigah kien E.O. 15 li llum lahaq miet. Inoltre hu ma xehedx b’mod attendibbli.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata, w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------